# KUNSILL LOKALI KALKARA

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA KKR 1330

TEL: 21665500

FAX: 21665566

email: kalkara.lc@gov.mt


**Seduta Nru:** 11-14

**Data:** 22 ta' Ottubru 2014

**Hin:** 5:30pm

**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Paul Bongailas – Kunsillier

Dorianne Micallef (Ambaxxatriċi) – ġiet skużata minħabba li kienet ma tiflaħx
Vincent Bongailas (Kunsillier) – ġie skużat minħabba li kien ma jiflaħx
Christopher Bruno (Viċi Sindku) – ġie tard minħabba raġunijiet personali

# MINUTI

**TALBA**

Is-Sindku Speranza Chircop qalet it-talba.

1. **QARI TAL-MINUTI**

   Il-Minuti ġew reveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Settembru 2014.

2. Il-Minuti ġew moqrija u approvati fuq proposta tas-Sindku is-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsilliera s-Sinjura Maria Sultana.

3. Punt 6.2 mill-minuti preċedenti : Is-Sinjura Maria Sultana saħqet illi kif din ir-rotta il-ġdida kif ġiet mibgħuta lilna minn Transport Malta għandha tiġi investigata la darba li jibda il-proċess.

   Jekk ir-residenti ma jkunux kuntenti b'dan il-kambjament fir-rotta il-Kunsill għandu jibgħat mill-aktar malajr possibli l-ilmenti li nirċievu biex b'hekk inkunu nistgħu insibu soluzzjoni

aħjar, minħabba il-fatt illi fil-passat kien hemm rotta simili hu il-Kunsill kien jirċievi ħafna ilmenti mingħand ir-residenti.

Is-Sinjura Sultana mal-punt imsemmi hawn fuq saħħqet ukoll illi in-Numru 3 ta' tal-linja li tgħaddi mill-viċinanzi ta' Smart City għandha tinbidillha l-iskrizzjoni minħabba li tgħid Smart City Xgħajra. Din għandha tinbidel għal Smart City Kalkara.
Is-Segretarja ser tkun qed tibgħat email formali dwar dan.

4. **Korrispondenza;**

4.1 Is-Sindku Speranza Chircop infurmat lill Kunsill dwar ittra li rċeviet minn resident li joqgħod Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, fejn spjega il-problema li għandu bil-parking bays ġodda li saru minn naħa tal-Kunsill bl-approvazzjoni ta Transport Malta. Dan l-istess resident spjega illi għandu mutur li idaħħlu fl-indana tad-dar. Meta jkun hemm karozza ipparkjata quddiem din l-istess dar qed ikun impossibli jdaħħal il–mutur.

Is-Segretarja ser tkun qegħda tibgħat email lill-Transport Malta biex forsi il–parking bay li hemm quddiem dan il-bieb ta' din ir-residenza isiru żewġ parkeġġi għal muturi għal konvenjenza ta' kulħadd.

4.2 Fuq punt 3.2 mill-minuti preċedenti Is-Sindku spjegat illi flimkien mas-Segretarja ser ikunu qed jintbgħatu kwotazzjonijiet differenti ghall affarijiet li m'ghandnix għad dispożizzjoni tal-Kura Primarja fil-Berga tagħna biex b'hekk inkunu nistgħu inressquhom lid-Dipartiment tas-Saħħa kif ġie miftijhem fil-laqgħa li saret aktar kmieni dan ix-xahar ma nies li qegħdin jieħdu ħsieb din l-iskema.

4.3 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar laqgħa li ser tkun qed tagħmel ma nies inkarigati mid-devoluzzjonijiet tal-postijiet tal-Gvern minħabba il-premises il-ġodda li jistgħu ikunu f'idejn il-Kunsill Lokali Kalkara għal Berga u Librerija aħjar.

Il-Kunsill kollu qabel illi għandha tintbgħat ittra formali lill Ministru Joe Mizzi biex inkunu nafu bejn wieħed u ieħor meta iċ-Ċentru Ċiviku li kien ippjanat snin ilu li ser jinbena fil-Kalkara fejn wasal biex b'hekk il-Kunsill ikollu idea anke dwar infiq u tranġar tal-premises il-ġodda.

4.4 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar email li rċeviet mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali rigward il-possibilta li jiġi ppublikat paragrafu fil-ġurnal it-Times fuq l-attivitajiet li saru aktar qabel matul din is-sena fis-sezzjoni tal-informazzjoni.

Il-Kunsill kollu qabel illi għandu jintbgħat paragrafu fuq l-attivita' li ġiet imtella' mill-Kunsill aktar kmieni f'Awwissu 2014 b'risq l-istrina, kif ukoll paragrafu li ġie miktub mill-Viċi Sindku is-sur Christopher Bruno fuq l-attivita' tal-Monument tal-Mafkar li saret ukoll matul din is-sena.

4.5 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar laqgħa li attendiet flimkien mas-Segretarja fuq lectures li ser ikunu qegħdin jingħataw aktar tard fis-sena 2015 mill-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura bħala promozzjoni lil Kottonera kif ukoll il-Kalkara.

Il-Kunsill kollu qabel illi l-aħjar post għal dawn is-sessjonijiet huwa Bighi kif filfatt issuġerew il-Ministeru stess.

4.6 Is-Sindku reggħet qajjmet il-punt tal-'Home Work Helping' minn naħa tal-Kunsill taż-Żgħażagħ meta l-iskola qed tkun qed tinfetaħ minħabba is-sessjonijiet ta' l-aerobika imtella' mill-Kunsill.

Il-Kunsill kollu qabel illi hemm bżonn norganizzaw aħjar dawn il-lezzjonijiet flimkien maż-Żgħażagħ kif ukoll ninfurmaw l-iskola bil-pjan imfassal minn naħa tal-Kunsill.

4.7 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar ilment li kien diġa ġie diskuss f'laqgħa preċedenti minn għand residenta li toqgħod fi Triq Santu Rokku, fejn din ta' l-aħħar kienet qed tilmenta illi l-arbli tad-dawl li ilhom hemm snin qegħdin ikunu ta' żgombru fuq il-bankina.

Is-Sindku talbet lis-Segretarja tikteb formalment lill-Enemalta u tinfurma b'ritratti ċari dwar dan l-istess ilment.

4.8 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar email li irċeviet mingħand resident fi Triq il-Konvoj Santa Maria fejn ikkumplimenta lill-Kunsill dwar il-parkeġġi li saru ġodda, kif ukoll issuġerixxa li għandha issir 'Stop Sign' fl-istess triq.

Il-Kunsill kollu qabel illi għandna nibgħatu t–talba ta' l-'Stop Sign' lill Transport Malta biex b'hekk tinżebagħ minn naħa tal-Kunsill bl-approvazzjoni tagħhom.

4.9 Is-Sindku spjegat email li irċeviet minn naħa ta' l-appoġġ, fejn dawn tal-aħħar ser ikunu qegħdin jorganizzaw attivitajiet differenti fil-ħinjiet ta' filgħodu għal Familja kollha f'Mejju / Ġunju fis-sena 2015.

Il-Kunsill kollu qabel illi għandna nippromwovu attivitajiet bħal dawn biex b'hekk ikunu jafu is-servizzi li joffru l-Aġenzja Appoġġ għall benefiċċju tal-Familja kollha.

4.10 Is-Sindku reġgħet qajjmet ilment li kienet irċeviet mingħand resident li joqgħod fi Triq Santu Rokku minħabba il fatt li qed jgħaddu karozzi bi 'speed' eċċessiv li qed ikunu ta' periklu kemm għar residenti li joqgħodu f'dawk in-naħat kif ukoll għan nies passiġiera.

Hija spjegat li wara li l-ħaddiema tal-Kunsill marru fuq il-post għal aktar investigazzjoni, jidher biċ-ċar din it-triq ma taqax taħt il-konfini tal-Kunsill imma taqa taħt il-Gevrn Ċentrali, għalhekk ser tkun qed tintbgħat email formali lid-Dipartiment ikkonċernat bl-ilment ta' dan ir-resident.

4.11 Is-Sindku ippreżentat kwotazzjoni li ġabet minn ghand fornitur rigward l-awguri tal-Milied fil-Kalkara mgħamula bid-dawl.

Wara li fil-minuti preċedenti il-Kunsill kollu qabel illi dawn l-awguri għandhom jitwaħħlu fi tliet postijiet fil-Kalkara, din id-darba kulħadd qabel illi għandna titwaħħal waħda biss ħdejn il-mina tal-Kalkara minħabba il-fatt ta' l-ispejjeż.

4.12 Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera l-oħra preżenti tkellmu dwar it-'Traffic Calmers' li ġew suġġeriti minn Transport Malta stess biex jiwaħħlu fi Triq Rinella biex jitnaqqas l-ammont ta' periklu ta' sewqan eċċesiv, bil-karozzi li jitilgħaw bih mill-Bajja ta' Rnella.

Il-Kunsill kollu qabel unanimament li dawn it-'Traffic Calmers' għandhom isiru mill-aktar fiss possibli minħabba l-ammont ta' ilmenti li ilu jirċievi il-Kunsill matul iż-żmien.

4.13 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar l-inċident li sar fil-Bajja tar–Rinella aktar kmieni dan ix-xahar. Is-Sinjura Chircop infurmat il-Kunsill li sar rapport il-pulizija kif ukoll il-Ministeru tat-Trasport u infrastruttura minħabba il-fatt li dan il-ħajt jaqa taħt ir-responsabbilta' tagħhom.

4.14 Is-Sinjura Chircop infurmat il-Kunsill bil-kwotazzjonjiet li waslet għand is-Segretarja minngħand 3 fornituri differenti rigward l-alarm tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-alarm għandu jitwaħħal mill-aktar fiss possibli.

4.15 Is-Sindku spjegat illi ser tkun qed tagħmel laqgħa mal-Malta Archery, fejn dawn bgħatulna email b'suġġerimenti vasti dwar l-isport bil-qaws biex tikseb aktar informazzjoni fhiex nistgħu ngħinu bħala Kunsill.

4.16 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar talba li kellha biex jitwaħħlu tabelli biex jindikaw fejn qegħda il-Librerija pubblika fil-Kalkara.

Il-Kunsill kollu qabel illi peress illi il-Librerija fil-Kalkara jibbenefikaw minna ir-residenti Kalkariżi m'hemmx bżonn tabelli. Minflok ser tkun qed titella pjanta u informazzjoni dwar l-istess Librerija fuq il-paġna Uffiċjali tal-Kunsill fuq 'Facebook'.

4.17 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar Uffiċċju tal-informazzjoni li ser kun qed jinfetaħ f'Marsaxlokk fiż-żmien li ġej. Dan l-istess Kunsill talab lil Kunsill Lokali Kalkara il-permess biex jippromwovi il-Kalkara stess kif ukoll ser ikunu qed jigu ippromowtjati il-Kunsilli kollha li jaqaw taħt ir-Regjun Xlokk.

Il-Kunsill kollu qabel unanimament illi l-informazzjoni li ser tkun qed tiġi mgħotija lill nies / turisti għandha dejjem tiġi approvata minn naħa tal-Kunsill Lokali Kalkara qabel ma tiġi ippublikata.

4.18 Is-Sindku nfurmat lill Kunsill dwar ilment li rċeviet b-email dwar l-islipway ta' Triq ix-Xatt (l-area tax-xewkija). Din il-persuna spjegat illi l-ħajt huwa wieħed baxx u meta jiġu biex itellgħaw xi dgħajsa daqxejn kbira qed issir il-ħsara minħabba il-fatt illi m'hemm l-ebda ilqugħ (rubber bumpers)

Il-Kunsill kollu qabel unanimament illi hemm bżonn li jinġieb permess formali minn naħa tal-'Maritime' TM biex jitwaħħlu rubber bumpers mill-aktar fis possibli.

4.19 Is-Sindku 'rċeviet notifika illi fiż-żmien li ġej ser ikun qed jinbena pjan fuq CCTV cameras kif ukoll fuq 'Eco Wardens' fil-Kalkara skond il-ħtiġijiet tal-lokal.

Il-Kunsill ressaq is-suġġerimenti t'hawn taħt biex b'hekk is-Segretarju Eżekuttiv tkun tista twieġeb din in-notifika b'dawn l-istess suġġerimenti:

ECO WARDENS:

Ħdejn l-iskips
Ħdejn Supernova Corner Misraħ Arċisqof Gonzi
Triq Marina
Ħdejn ir-Regatta Club
Ħdejn il-progett li qed isir fi Triq Luigi Pisani

CCTV CAMERAS

Dħul u ħruġ tal-Kalkara (kif kien ġie issuġerit mill-Kummissarju f'laqgħa li kienet saret miegħu personali fuq dan ir-rigward aktar kmieni din is-sena)

4.20 Is-Sindku 'nfurmat lill-Kunsill dwar notifika li 'rceviet fuq numerar ġdid fit–Toroq tal-Kalkara. Is-Sinjura Chircop ippreżentat dokument anness ma' din in-notifika fejn qed jiġu proposti numerar ġdid.

Il-Kunsill kollu qabel ma' dawn it-toroq suġġeriti minn dan id-Dipartiment stess u ma kellhom l-ebda Toroq oħra x'jissuġerixxu.

4.21 Is-Sindku 'nfurmat lill-Kunsill dwar notifika li 'rċeviet b-email mid-Dipartiment tal-Water Services fejn ġibdu l-attenzjoni lill-Kunsilli fuq kriterji ġodda li wieħed għandu jinkludi fil-ħruġ tat-tenders meta tkun ser issir xi bankina, kif ukoll talbu lill-Kunsilli biex iwieġbu din l-email b'informazzjoni fuq bankini li hemm il-ħsieb li jsiru fis-sena 2015 / 2016.

Il-Kunsill qabel unanimament fuq dawn it tlett Toroq li għandhom jieħdu prijorita' fuq bankini oħra biex isiru fil-Kalkara.

Triq Marina
Triq ix-Xatt
Misraħ Arċisqof Gonzi
Triq il-Progress

**5. Komunikkazjoni tas-Sindku**

5.1 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar talba li 'rċeviet mingħand residenti li joqgħodu fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija u Ħbit mill-Ajru għan-nuqqas ta' dawl li hemm f'dawn l-inħawi (fejn hemm il-Bring in Sites). Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill illi ser tkun qed tibgħat din it-talba b'email formali lill-Enemalta fiż-żmien li ġej.

5.2 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill illi wara l-ilmenti kollha li rċieva il-Kunsill fuq nuqqas ta' Trasport speċjalment fil-ħinjiet ta' filgħodu bejn is-6:00am sad-9:00am, ser tkun qed tintgħbat email formali lill-Transport Malta biex tinfurmahom dwar dan.

**6. KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERA**

**6.1** ***Kunsilliera Is-Sinjura Maria Sultana għaddiet dawn il-punti***

a. Is-Sinjura Maria Sultana ressqet ilment mingħand residenti li joqgħodu fl-inħawi ta' Rnella Housing Estate, fejn dawn talbu li issir rampa biex ikunu jistgħaw jgħaddu kemm b'wheel chair kif ukoll bil-pushchair aktar faċli minħabba il-fatt illi hemm taraġ biss. Is-Sinjura Maria Sultana ser tkun qed tibgħat ritratt lis-Segretarju Eżekkutiv biex b'hekk il-kuntrattur tal-Kunsill ikollu indikazzjoni ċara fejn eżatt trid issir din ir-rampa.

b. Is-Sinjura Maria Sultana talbet illi għandna npoġġu informazzjoni fuq il-paġna tal-Facebook tal-Kunsill, formola ta' Ilmenti u Suġġerimenti,biex b'hekk in-nies ikunu jistgħaw jgħaddu il-kummenti taghhom anka mill-kumdita' ta' darhom.

c. Is-Sinjura Maria Sultana saħqet illi meta jintbgħatu aktar minn notifika waħda fid-djar tar-residenti, dawn għandhom jiġu pprintjati fuq il-karti minn wara u quddiem biex b'hekk ma jkunx hemm ħela ta' karti minn naħa tal-Kunsill.

d. Is-Sinjura Maria Sultana ressqet ilment dwar il-Bring in Sites li hawn fil-Kalkara fejn dawn qed idumu biex jiġu 'mbattla. Is-Sinjura Sultana talbet lis-Segretarju biex tibgħat email formali lill-kuntrattur responsabbli minn dawn l-istess Bring in Sites dwar din is-sitwazzjoni.

e. Is-Sinjura Maria Sultana talbet biex il-kuntrattur li bħalissa huwa inkarigat mill-Kunsill mill-ġbir ta' l-iskart, għandu jinforma lill-Kunsill meta mad–dawra tal-ġbir jara xi skart goff li hu mhux responsabbli minnu, biex b'hekk isir rapport minnufih lil min hu kkonċernat.

f. Is-Sinjura Maria Sultana talbet biex fiż-żmien li ġej induru dawra Ġnien is-Salvatur għaliex dan il-ġnien għandu bżonn ta' dawra mhux ħażin.

g. Is-Sinjura Maria Sultana talbet biex il-latrina tax-Xatt tan-nies diżabli għandha tiġi rranġata u miftuħa minnufih. Din il-latrina ilha ma tinfetaħ żmien ħu hija tajba ħafna għal min hu diżabli.

h. Is-Sinjura Maria Sultana talbet biex tintbgħat ittra formali lil-Transport Malta dwar il-konfuzjoni li qed tinholoq ix-Xatt meta ikun hemm il-karozza A3 ipparkjata fl-istage u fl-istess ħin tgħaddi tal-linja bir-rotta normali. Din ta' l-aħħar mhux qed tkun tista tidħol fl-istage kif suppost u b'hekk tinħoloq konfużjoni ta' karozzi u anki periklu għan nies li jkunu iridu jirkbu tal-linja.

6.2 ***Kunsillier-Is-Sur Paul Bongailas***

a. Is-Sur Paul Bongailas talab illi jitneħħa il-ħaxix ħażin li telgħa fit-telgħa ta' Bighi, maċ-ċint faċċata tar-residenti.

b. Is-Sur Bongailas talab lis-Segretarju Eżekuttiv terġa tibgħat email formali lill-Għaqdiet tal-Festa minħabba il-fatt li għad hemm arbli tal-festa mal-art ix-Xatt kif ukoll raddiena tan-nar in-naħa ta' fuq kif taqbeż Bighi.

c. Is-Sur Bongailas saħaq li hemm bżonn li l-ħaddiema tal-Kunsill ineħħu minnufih il-pots li hemm fejn il-container tal-Kunsill u jitpoggew fis-Central Strip fi Triq il-Missjoni Taljana fejn diġa hemm bħalhom.

**7. Jum il-Kalkara 2014**

**Punti imqajjma mill-Kunsilliera dwar Jum il-Kalkara għas-sena 2014;**

a. Is-Sur Pawlu Bongailas spjega u wera lill-kumplament tal-Kunsilliera l-inviti iffinalizzati kif ġejjin għas-sena 2014.

b. Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi il-Kunsilliera kollha għandhom jibgħatu lista lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aktar fiss possibli ta' nies li rridu minn naħa tagħhom jiġu mistiedna għal din il-ġurnata, biex b'hekk jibdew jinkitbu u ma jaqax ix-xogħol għal-aħħar.

c.Il-Sindku flimkien mall-Kunsilliera iddeċiedew li għal din is-sena 2014 l-affarijiet dwar Jum il-Kalkara jibqgħaw bħal tas-snin ta' qabel, pero' mis-sena 2015 hemm bżonn illi ikun hemm set ta' kriterja kif ukoll jinħoloq Sotto Kumitat abbażi ta' lill minn jingħata Ġieħ il-Kalkara kif ukoll Unur il-Kalkara biex, dawn ta' l-ahhar jiġu mgħotija b'mod aktar professjonali mingħajr ma ħadd ma jieħu għalih fuq id-deċiżjoni li jieħu il-Kunsill.

Ġieh il–Kalkara 2014 ser jingħata lil żewġ persuni Kalkariżi li jaħdmu b'ħilithom għal Ġieh tal-Kalkara u l-Kalkariżi. Dawn huma: Il-Kunsillier Pawlu Bongailas se jerġa jieħu ħsieb sabiex jiġbor xi informazzjoni minn għand il-familji ta' dawn iż-żewġ persuni.

- Is-Sinjura Mary Debono
- Is-Sinjura Maria Concetta Livori

**TMIEM**

Is-Seduta intemmet fid-8:30pm u ġiet aġġornata għal-Hamis 20 ta' Novembru 2014 fil-5:30pm.

**Elaine Caruana**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Speranza Chircop**
**Sindku**